MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Numru 848/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**
**VS**
**CHARMAINE VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Charmaine Vella ta’ 38 sena, bint Charles u Lorraine Margaret Vella nee’ Lymbery, imwieled l-Awstralia fit-18 ta’ Novembru 1971, detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 525290(M) u residenti fil-fond ‘Mystique Farmhouse’, Triq Ghajn Tuffieha, Mellieha.

Illi huwa akkuzat talli:

1. Fis-7 ta’ Awwissu 2009 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ wara nofs inhar, fil-fond Ultimate li jinsab fi Vjal ir-

Rihan, f'San Gwann, ikkommettiet serq ta' laptop tad-ditta HP Pavillion, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Mario Cutajar u/jew persuni ohra;
2. Fl-istess jum u fil-jiem ta' wara d-data fuq imsemmija, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghat ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'malta jew barra minn dawn il-Gzejjer, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex tbieghhom jew tmexxihom;
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saret recidiva b'diversi sentenzi, li huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata **Charmaine Vella**, hatja ta' l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza, mhux hatja tat-tieni (2) akkuza ta' ricettazzjoni, li minnha tilliberaha stante' li hija akkuza alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannaha ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija.**

Il-Qorti tirrakkomanda illi l-imputat issegwi programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u l-istituzzjonijiet ohra addetti maghha u dana stante illi l-imputata Vella uriet illi hija manifestament inkapaci, minkejja l-intenzjonijiet tajba taghha, li ssegwi programm residenzjali ghal rijabilitazzjoni kontra d-droga sal-finalita' tieghu u jidher illi ma kull *relapse* jigu intavolati proceduri kriminali kontra l-istess imputata.

Din il-Qorti akkordat diversi opportunitajiet, pendente lite sabiex l-imputata Charmaine Vella ssegwi tali programm ta' rijabilitazzjoni residenzjali kontra d-droga, b'mod volontarju, pero' r-rizultati kienu pessimi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------